

SEJĦA GĦAL ESPRESSJONIJIET TA' INTERESS GĦAL AĠENTI TEMPORANJI

GĦAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-INFORMATIKA (DĠ DIGIT), ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-ENERĠIJA (DĠ ENER), L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET (OP), ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TRADUZZJONI (DĠT), ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAN-NETWORKS TAL-KOMUNIKAZZJONI, IL- KONTENUT U TEKNOLOĠIJA (DĠ CNECT) U EUROSTAT (DĠ ESTAT)

COM/TA/AD/01/20 AMMINISTRATORI (AD 8) U COM/TA/AST/02/20 ASSISTENTI (AST 4)
fl-oqsma li ġejjin:

1. It-Teknoloġija Avvanzata: Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (AD 8/AST 4)
2. It-Teknoloġija Avvanzata: It-Teknoloġiji Quantum (AD 8)
3. L-Analiżi tad-Data u x-Xjenza tad-Data (AD 8/ AST 4)
4. Il-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Computing Mobbli (AD 8/ AST 4)
5. Is-Sigurtà fl-ICT (AD 8/ AST 4)
6. L-Infrastruttura tal-IT u l-Cloud (AD 8/ AST 4)

Id-data tal-ghelug għar-reġistrazzjoni: Is-6 ta' Frar 2020 f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell

L-għan ta' dawn il-proċeduri ta' selezzjoni huwa li jfasslu listi ta' kompetenza li minnhom id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea msemmija hawn fuq jirreklutaw aġenti temporanji bħala “*amministraturi*” u “*assistenti*” (gruppi ta' funzjoni AD u AST, rispettivament).

Kull referenza, fil-qafas ta' dawn il-proċeduri ta' selezzjoni, għal persuna ta' ġeneru speċifiku trid tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna ta' kull ġeneru ieħor.

Din is-sejħa u l-annessi tagħha jiffurmaw il-qafas legalment vinkolanti għal dawn il-proċeduri tas-selezzjoni.

Numru ta' kandidati li jikkwalifikaw skont il-grad u skont il-qasam

Oqsma	AD8	AST4
1. It-Teknoloġija Avvanzata: Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja	15	5
2. It-Teknoloġija Avvanzata: It-Teknoloġiji Quantum	4	0
3. L-Analiżi tad-Data u x-Xjenza tad-Data	40	16
4. Il-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Computing Mobbli	12	9
5. Is-Sigurtà fl-ICT	50	13
6. L-Infrastruttura tal-IT u l-Cloud	26	27
Totali	147	70

Dawn il-proċeduri ta' selezzjoni jkopru żewġ gruppi ta' funzjoni (AD u AST), żewġ gradi (AD 8 u AST 4) u diversi oqsma (b'kollox, 11-il proċedura ta' selezzjoni). *Fi grad, tista' tapplika biss għal qasam wieħed.* Din l-għażla trid tagħmilha meta tkun qed tapplika onlajn *u ma tistax tibdilha għaladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni elettronika tiegħek.*

Il-kandidati li jintgħażlu jistgħu jiġu offruti kuntratt temporanju skont it-Titolu I, l-Artikolu 2a) jew 2b) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-politiki għall-ingaġġar u l-użu tal-aġenti temporanji (attwalment qed jiġu riveduti).

Il-perjodu inizjali tal-kuntratt huwa ta' erba' snin għal aġenti temporanji 2a) u 2b) u jista' jiġġedded għal perjodu massimu ta' sentejn.

It-tul totali tal-kuntratt iqis ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2004 dwar it-tul massimu ta' rikors għall-persunal mhux permanenti (seba' snin fuq perjodu ta' 12-il sena), kif emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9028 final tas-16 ta' Diċembru 2013 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 2548 final tal-5 ta' April 2019.

Innota li l-maġġoranza vasta tal-postijiet li jistgħu jiġu offruti lill-kandidati magħżula jkunu bbażati fil-Lussemburgu. Ftit postijiet ikunu bbażati fi Brussell.

Il-kandidati ta' suċċess li jiġu offruti kuntratt ta' impjieg jiġu kklassifikati mad-dħul fis-servizz fil-pass 1 jew pass 2 tal-grad rilevanti, skont it-tul tal-esperjenza professjonali tagħhom. Is-salarji bażiċi ta' kull xahar bħala indikazzjoni, mill-1 ta' Lulju 2019, huma:

Għall-Grad AD 8:

- Pass 1: €7.072,70
- Pass 2: €7.369,90

Għall-Grad AD 4:

- Pass 1: €4.315,85
- Pass 2: €4.497,20

Il-paga tal-membri tal-persunal tikkonsisti f'salarju bażiku supplimentat b'għotjiet speċifiċi, inklużi fejn applikabbli l-għotjiet ta' espatrijazzjoni u tal-familja. Id-dispożizzjonijiet li jiggwidaw il-kalkolu ta' dawn l-għotjiet jistgħu jiġu kkonsultati fil-[Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Impjegati Oħra](#).

I - LIEMA KOMPITI GĦANDI NISTENNA LI NAGĦMEL?

Il-kandidati li għaddew li jiġu ngaġġati jikkontribwixxu għall-ħidma tad-Direttorati Ġenerali msemmija hawn fuq f'wieħed mill-oqsma ta' hawn fuq.

Fir-rigward tal-**amministraturi, COM/TA/AD/01/20 (AD 8)**, il-funzjonijiet u d-dmirijiet fl-oqsma jistgħu jinkludu komputu wieħed jew aktar mil-lista ta' hawn taħt. Il-lista ta' funzjonijiet u dmirijiet assoċjati mal-profilu ma għandhiex titqies reċiprokament esklussiva:

- Id-definizzjoni tal-politiki tal-ICT
- Id-definizzjoni, il-proposta u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ġodda tal-ICT jew ta' prijoritajiet tal-Kummissjoni fil-qasam
- It-traduzzjoni tal-ħtiġijiet tan-negozju f'soluzzjonijiet tal-ICT
- Il-ġestjoni ta' programmi u / jew portafolli ta' proġetti jew servizzi tal-IT
- Il-parteċipazzjoni fil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ICT
- Il-ħidma b'*data* statistika u b'sorsi ta' Big Data: Ix-xjenza tad-*data* u l-analitika, l-istima tad-*data*, il-validazzjoni tad-*data*, il-kwalità u t-tixrid tad-*data*
- L-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi tal-ICT tal-UE
- Ir-responsabbiltà taż-żamma tas-servizzi tal-ICT jaħdmu sew

- Il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-Partijiet Interessati u l-Klijenti, u l-interazzjoni u d-direzzjoni tal-Iżviluppaturi tal-IT
- Il-parteċipazzjoni f'kumitati u laqgħat bħala speċjalist tekniku / espert
- It-tnejn ta' laqgħat, rapporti u preżentazzjonijiet fil-qasam
- Id-deskrizzjoni, it-titjib u d-dokumentazzjoni tal-proċessi fil-qasam
- Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-obbligi kuntrattwali taħt għotjiet u / jew kuntratti

Fir-rigward tal-**assistenti, COM/TA/AST/02/20 (AST 4)**, il-funzjonijiet u d-dmirijiet fl-oqsma jistgħu jinkludu kompitu wieħed jew aktar mil-lista ta' hawn taħt. Il-lista ta' funzjonijiet u dmirijiet assoċjati mal-profilu ma għandhiex titqies reċiprokament esklussiva:

- L-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġetti tal-IT permezz ta' dawn li ġejjin:
 - o il-kontribuzzjoni għad-disinn tas-soluzzjoni
 - o l-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tan-negozju
 - o l-applikazzjoni ta' standards tekniċi u tal-IT fil-produzzjoni
 - o l-ġajjnuna fl-ippjanar baġitarju / tar-riżorsi
 - o il-kontribuzzjoni għall-istrutturi tat-tqassim tax-xogħol
 - o id-definizzjoni ta' skeda tal-proġett
 - o il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-progress
 - o is-segwitu ta' talbiet għal tibdil li ntlaħaq qbil dwarhom
- L-analiżi u l-ipproċessar ta' *data* statistika u sorsi ta' Big Data
- L-appoġġ għal timijiet u gruppi ta' ħidma inkarigati minn proġetti tal-IT
- Il-parteċipazzjoni f'kumitati u laqgħat bħala speċjalist tekniku
- Il-kontribut għal laqgħat ta' informazzjoni, rapporti u preżentazzjonijiet f'dawn l-oqsma
- Il-parteċipazzjoni fil-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ICT
- Il-kontribut għad-deskrizzjoni tal-proċess, it-titjib u d-dokumentazzjoni f'dawn l-oqsma
- Il-kontribut għall-implimentazzjoni ta' programmi speċifiċi tal-ICT tal-UE
- Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-obbligi kuntrattwali taħt għotjiet u / jew kuntratti

[Ara l-ANNESS I għal aktar informazzjoni dwar id-dmirijiet tipiċi li għandhom jiġu mwettqa skont il-qasam.](#)

II - JIENA ELIĠIBBLI BIEX NAPPLIKA?

Trid tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi KOLLHA *fl-iskadenza* tal-applikazzjonijiet onlajn:

1) Kundizzjonijiet ġenerali:

- Tkun tgawdi mid-drittijiet kollha bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE
- Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet nazzjonali dwar is-servizz militari
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet ikkonċernati

2) Kundizzjonijiet speċifiċi - lingwi:

L-Artikolu 12.2(e) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra (CEOS) jipprovdi li aġenti temporanji jistgħu jinħatru biss bil-kundizzjoni li jipproduċu evidenza ta' għarfien sħiħ ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra.

Irid għalhekk ikollok għarfien ta' *mill-inqas żewġ (2) lingwi uffiċjali tal-UE*; waħda minnhom b'minimu ta' livell C1 u b'livell minimu ta' B2 fl-oħra (għarfien sodisfaċenti).

Kun af li l-livelli minimi meħtieġa hawn fuq iridu japplikaw għal kull ħila lingwistika (taħdit, kitba, qari u smigħ) kif mitluba fil-formola tal-applikazzjoni. Dawn il-ħiliet jirriflettu dawk tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (<https://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr>).

F'dawn il-proċeduri ta' selezzjoni, se nagħmlu referenza għal-lingwi bħala:

- Lingwa 1: Il-lingwa użata għat-testijiet b'mistoqsijiet b'għażla multipla bil-kompjuter
- Lingwa 2: Il-lingwa użata għas-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki (Talent Screener), l-intervista relatata mal-qasam u għall-komunikazzjoni bejn l-EPSo u l-kandidati li jkunu ppreżentaw applikazzjoni valida.

Il-lingwa 1 tista' tkun kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE iżda trid tkun differenti mil-lingwa 2.

Il-lingwa 2 trid tkun il-Franċiż jew l-Ingliż.

Fl-interess tas-servizz, il-kandidati ammessi li jiġu rekrutati għal dawn l-oqsma partikolari huma meħtieġa li jkollhom għarfien sodisfaċenti (mill-inqas livell B2) tal-Ingliż jew tal-Franċiż. Filwaqt li l-għarfien ta' lingwi addizzjonali jista' jkun ta' vantaġġ, il-kandidati li jirnexxu jużaw prinċipalment l-Ingliż jew il-Franċiż għall-ħidma tagħhom (il-komunikazzjoni interna jew il-komunikazzjoni mal-partijiet interessati esterni, l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet u r-rapporti, l-analiżi ta' prodotti u ambjenti tal-IT). Għalhekk, fir-rigward tas-servizzi tad-DĠ DIGIT, DĠ ESTAT, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, DĠT, DĠ CNECT u DĠ ENER, għarfien essenzjali ta' waħda minn dawn il-lingwi huwa essenzjali.

L-Ingliż huwa użat ħafna f'laqgħat u għal komunikazzjoni ma' servizzi oħra fil-Kummissjoni u ma' partijiet interessati esterni, inklużi kuntatti ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE. B'mod aktar ġenerali, l-Ingliż huwa l-lingwa użata b'mod komuni fid-dinja tal-IT u fil-fora u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha. Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' taġġim u żvilupp fl-oqsma tal-IT koperti minn dawn il-proċeduri ta' selezzjoni huma disponibbli biss bl-Ingliż (speċjalment għas-sigurtà tal-IT). L-għarfien tal-Franċiż huwa rilevanti għal finijiet ta' komunikazzjoni interna billi din il-lingwa, flimkien mal-Ingliż, hija t-tieni lingwa l-aktar iddikjarata fis-6 DĠs parteċipanti.

3) Kundizzjonijiet speċifiċi - kwalifiki u esperjenza ta' xogħol:

Kun af li jiġu kkunsidrati biss id-diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu soġġetti għal ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri.

Għal COM/TA/AD/01/20 (AD8)

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal mill-inqas *erba' (4) snin* ta' studji universitarji mlestija ċertifikati b'diploma, segwiti *minn minimu ta' disa' (9) snin* esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom *mill-inqas tliet (3) snin* fil-qasam magħżul u relatati mad-dmirijiet deskritti f'din is-sejħa,

jew

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal *mill-inqas tliet (3) snin* ta' studji universitarji mlestija ċertifikati b'diploma, segwiti minn *minimu ta' għaxar (10) snin* esperjenza

professionali fl-ICT, li minnhom **mill-inqas tliet (3) snin** fil-qasam magħżul u relatati mad-dmirijiet deskritti f'din is-sejħa.

Għal COM/TA/AST/02/20 (AST4)

- Livell ta' edukazzjoni post-sekondarja ta' **mill-inqas sentejn (2)** ċċertifikati b'diploma, segwiti **minn minimu ta' sitt (6) snin** esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom **mill-inqas tliet (3) snin** fil-qasam magħżul u relatati mad-dmirijiet deskritti f'din is-sejħa,

jew

- Edukazzjoni sekondarja attestata minn diploma li tagħti aċċess għal edukazzjoni post-sekondarja segwita **minn tal-anqas disa' (9) snin** esperjenza professjonali fl-ICT, li minnhom **minimu ta' tliet (3) snin** fil-qasam magħżul u marbuta mad-dmirijiet kif deskritti f'din is-sejħa.

L-esperjenza professjonali rikjesta għall-proċeduri tas-selezzjoni msemmija hawn fuq tista' tkun inkisbet, pereżempju, f'kumpaniji privati, f'organizzazzjonijiet u / jew korpi internazzjonali, istituzzjonijiet u / jew aġenziji tal-UE, amministrazzjonijiet reġjonali u / jew nazzjonali, universitajiet, istituti tar-riċerka, l-industrija, organizzazzjonijiet mhux governattivi jew bħala attività indipendenti u tittieħed inkonsiderazzjoni biss jekk:

- tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv,
- tkun remunerata,
- tinvolvi relazzjoni subordinata jew il-provvista ta' servizz, u
- tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - o **apprendistati:** jekk remunerati,
 - o **servizz militari obbligatorju:** magħmul qabel jew wara d-diploma meħtieġa għal perjodu li ma jaqbiżx it-tul ta' żmien statutorju fl-Istat Membru tiegħek,
 - o **liv tal-maternità / paternità / adożżjoni:** jekk kopert minn kuntratt ta' impjieg,
 - o **dottorat:** għal massimu ta' tliet (3) snin, dejjem jekk id-dottorat ikun inkiseb, u kemm jekk ix-xogħol kien remunerat kif ukoll jekk ma kienx, u
 - o **xogħol part-time:** ikkalkulat *pro rata* skont in-numru ta' sigħat maħduma, pereżempju half-time għal sitt (6) xhur ikun jiswa daqs tliet (3) xhur.

III - KIF SE NINTGĦAŻEL?

1) Il-proċess tal-applikazzjoni

Meta timla l-forma tal-applikazzjoni tiegħek, ikollok tagħżel il-lingwa 1 u l-lingwa 2 tiegħek. Ikollok tagħżel il-lingwa 1 tiegħek minn fost l-24 lingwa uffiċjali tal-UE, u l-lingwa 2 tiegħek minn bejn l-**Ingliż u l-Franċiż**. Tintalab ukoll tikkonferma l-eliġibbiltà tiegħek għall-qasam magħżul u tagħti aktar informazzjoni **rilevanti għall-qasam magħżul** (pereżempju: diplomi, esperjenza ta' xogħol, u tweġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi għall-qasam (Talent Screener)).

Tista' tagħżel kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE biex timla l-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ħliet fit-Taqsima tat-Talent Screener li *trid timtela bil-lingwa 2* tiegħek, għar-raġunijiet li ġejjin: it-Talent Screener huwa suġġett għal evalwazzjoni komparattiva mill-Kumitat tas-Selezzjoni, jintuża bħala dokument ta' referenza mill-Kumitat waqt l-intervista relatata mal-qasam u jintuża għal skopijiet ta' reklutaġġ jekk kandidat jirnexxi. Huwa għalhekk fl-interess tas-servizz u tal-kandidati li t-Talent Screener jimtela bil-Lingwa 2.

Jekk ma tlestix it-Taqsima tat-Talent Screener b’Lingwa 2, tiġi skwalifikat.

Kun af li l-formola ta’ applikazzjoni kollha tiegħek tiġi aċċessata mill-Kumitat tas-Selezzjoni (matul il-proċedura tas-selezzjoni) u mis-servizzi tal-HR tal-Kummissjoni Ewropea (għar-reklutaġġ f’każ li tkun kandidat magħżul) li jaħdmu b’numru limitat ta’ lingwi ta’ ħidma.

F’każ li tintgħażel u ismek jitqiegħed fil-lista tal-aptitudni, tintalab tipprovdi traduzzjoni tal-formola ta’ applikazzjoni fil-lingwa 2 (Ingliż jew Franċiż) lis-servizzi ta’ reklutaġġ jekk użajt lingwa oħra għall-mili tal-formola ta’ applikazzjoni.

Meta tivvalida l-formola tal-applikazzjoni tiegħek tiddikjara fuq l-unur tiegħek li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha msemmija fit-Taqsima “Jien eliġibbli biex napplika?” **Meta tkun invalidajt il-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ma tkunx tista’ tagħmel aktar tibdil. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tara li timla u tivvalida l-applikazzjoni tiegħek qabel ma tgħaddi l-iskadenza.**

2) Testijiet ta’ Mistoqsijiet b’Għażla Multipla (MCQ) fuq il-kompjuter

Jekk inti tivvalida l-formola tal-applikazzjoni tiegħek fi żmien id-data tal-għeluq inti tiġi mistieden sabiex tagħmel serje ta’ testijiet MCQ bil-kompjuter f’wieħed miċ-ċentri akkreditati tal-EPPO.

Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, **trid tibbukja** appuntament għat-testijiet MCQ skont l-istruzzjonijiet mill-EPPO. Tipikament, tiġi offrut diversi dati li fihom inti tista’ tagħmel it-testijiet, f’diversi postijiet. Il-perjodi tal-ibbukjar u l-ittestjar **ikunu limitati**.

It-testijiet MCQ bil-kompjuter ikunu organizzati kif ġej:

Testijiet	Lingwa	Mistoqsijiet	Tul ta’ ħin	Marka minima meħtieġa
Raġunament verbali	Lingwa 1	10 mistoqsijiet	18-il minuta	5/10
Raġunament numeriku	Lingwa 1	10 mistoqsijiet	20 minuta	5/10
Raġunament astratt	Lingwa 1	20 mistoqsija	20 minuta	10/20

Ir-riżultati tat-test tar-raġunament verbali ma jitqisux fil-kalkolu tal-marka MCQ globali tiegħek. Madankollu, int trid iġġib il-marki minimi meħtieġa fit-testijiet kollha sabiex tkun tista’ tikkwalifika għall-fażi li jmiss tal-proċedura. Fil-każ li fl-aħħar post ikun hemm diversi kandidati li jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għall-fażi li jmiss. Dawn ir-riżultati ma jiġux miżjuda mar-riżultati miksuba fit-testijiet sussegwenti.

3) Kontrolli tal-eliġibbiltà

Ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà stabbiliti fit-Taqsima “Jien eliġibbli biex napplika?” hawn fuq se jiġu ċċekkjati mad-*data* pprovdata fl-applikazzjonijiet onlajn tal-kandidati. L-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti (AACC) se tiċċekkja jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà filwaqt li l-Kumitat ta’ Selezzjoni jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-eliġibbiltà taħt it-Taqsimiet “Edukazzjoni u Taħriġ”, “Esperjenza Professjonali” u “Ħiliet tal-Lingwi” tal-applikazzjoni onlajn tal-kandidati, b’kont meħud tad-dmirijiet imsemmija fl-Anness I.

L-applikazzjonijiet tal-kandidati jiġu ċċekkjati għall-eliġibbiltà f'ordni dixxendenti tal-marki ġenerali miksuba fit-testijiet tar-raġunament numeriku u astratt, sakemm l-għadd ta' kandidati eliġibbli jilħaq **madwar disa' (9) darbiet, iżda mhux aktar minn għaxar (10) darbiet**, in-numru ta' kandidati li rnexxew imfittxija għal kull proċedura tas-selezzjoni. Il-fajls l-oħrajn ma jiġux iċċekkjati.

4) Selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki

Għal dawk il-kandidati miżmuma wara t-testijiet imsemmija hawn fuq u l-kontrolli tal-eliġibbiltà, is-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki ssir bl-użu tal-informazzjoni li jkunu pprovdew fit-tab tal-formola tal-applikazzjoni Talent Screener. Għal kull proċedura ta' selezzjoni, il-Kumitat tas-Selezzjoni jassenja lil kull **kriterju ta' selezzjoni** piż li jirrifletti l-importanza relattiva tiegħu (minn 1 sa 3) u kull tweġiba tal-kandidat tingħata bejn 0 u 4 punti.

Imbagħad il-Bord tas-Selezzjoni jimmultiplika l-punti bil-piż ta' kull kriterju u jgħoddhom flimkien sabiex jiġu identifikati dawk li l-profilu tagħhom jissodisfaw l-aħjar id-dmirijiet li se jitwettqu.

Dawk il-kandidati biss li jkunu kisbu l-oġhla marki kumplessivi fis-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki jgħaddu għall-istadju li jmiss.

[Ara l-ANNESS II għal-lista ta' kriterji għal kull qasam.](#)

5) Intervista relatata mal-qasam

Jekk tissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà skont id-*data* fl-applikazzjoni onlajn tiegħek u jekk iġġib waħda mill-**oġhla marki ġenerali** għas-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki, tkun mistieden biex tattendi intervista relatata mal-qasam bil-**lingwa 2** tiegħek, x'aktarx fil-**Lussemburgu / Brussell**.

Jiġi mistieden **massimu ta' tliet (3) darbiet** l-għadd ta' kandidati ammessi mfittxija għal kull proċedura ta' selezzjoni. Fil-każ li fl-aħħar post ikun hemm diversi kandidati li jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għall-intervista relatata mal-qasam.

L-għan tal-intervista relatata mal-qasam huwa li jiġu vvalutati u mqabbla b'mod oġġettiv u imparzjali l-kwalifiki tal-kandidati u l-esperjenza professjonali fil-qasam magħżul tagħhom kif stabbilit f'din is-sejħa.

N.B. L-intervisti jistgħu jsiru permezz ta' vidjokonferenza. Il-kandidati jingħataw struzzjonijiet skont dan.

L-intervista relatata mal-qasam se tiġi mmarkata b'marka totali ta' 100 u b'marka minima ta' 50.

Sakemm ma tkunx avżat mod ieħor, trid iġġib stikka USB elettronika li jkun fiha kopji skenjati tad-dokumenti ta' sostenn tiegħek għall-intervista tiegħek relatata mal-qasam. L-EPPO se jniżżel il-fajls tiegħek matul l-intervista tiegħek u jagħtik lura l-istikka tal-USB fl-istess ġurnata.

6) Lista ta' Aptitudni

Wara li jiċċekkja d-dokumenti ta' sostenn tal-kandidati mal-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni onlajn tagħhom, il-Kumitat tas-Selezzjoni se jfassal **lista tal-aptitudni** għal kull

proċedura ta' selezzjoni - sakemm jintlaħaq l-għadd meħtieġ ta' kandidati li għaddew - minn dawk il-kandidati eliġibbli li jkunu kisbu l-oġġla marki globali wara l-intervista relatata mal-qasam. Jekk kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli f' din il-lista, dawn jiġu inklużi kollha fil-lista. L-ismijiet jiġu elenkati f'ordni alfabetiku.

Il-listi tal-aptitudni tal-kandidati ta' suċċess se jkunu disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea għall-proċeduri ta' reklutaġġ u l-iżvilupp tal-karriera futura. L-inklużjoni f' lista ta' aptitudni **ma tagħti l-ebda dritt jew garanzija** li persuna tiġi rreklutata.

IV - OPPORTUNITAJIET INDAQS U AĠĠUSTAMENTI SPEĊJALI

L-EPSO jagħmel l-almu tiegħu biex japplika opportunitajiet, trattament u aċċess ugwali lill-kandidati kollha.

Jekk għandek diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' taffettwa l-abbiltà tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni tiegħek u għarrafna bit-tip ta' aġġustamenti speċjali li għandek bżonn.

Jekk diżabbiltà jew kundizzjoni tiżviluppa wara li tkun ivvalidajt l-applikazzjoni tiegħek, trid tinforma lill-EPSO malajr kemm jista' jkun billi tuża l-informazzjoni ta' kuntatt indikata hawn taħt.

Innota li jkollok tibgħat ċertifikat mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku lill-EPSO sabiex it-talba tiegħek tittieħed inkunsiderazzjoni.

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil EPSO-accessibility team:

- bil-posta elettronika(EPSO-accessibility@ec.europa.eu);
- bil-faks (+32 2 299 80 81); jew
- bil-posta: European Personnel Selection Office (EPSO)
EPSO accessibility
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 25
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Immarka din il-korrispondenza b'mod ċar bil-kliem "**EPSO accessibility**," fejn tikkwota **ismek, in-numru tal-proċedura tas-selezzjoni u n-numru tal-applikazzjoni tiegħek.**

Id-dokumenti ta' prova tiegħek jiġu eżaminati fuq bażi ta' każ b'każ u fejn ikun ġustifikat, fid-dawl kemm tal-evidenza ppreżentata kif ukoll tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-kandidati, jistgħu jiġu offruti arranġamenti speċjali mill-EPSO fil-limiti ta' dak li jiġi meqjus bħala raġonevoli.

V - META U FEJN NISTA' NAPPLIKA?

Trid applika onlajn fuq is-sit tal-EPSO <http://jobs.eu-careers.eu> sa:

Is-6 ta' Frar 2020 f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

L-applikazzjoni tiegħek trid tiġi ppreżentata mill-profil tal-EPSO tiegħek permezz tal-formola tal-applikazzjoni onlajn, billi ssegwi l-istruzzjonijiet fuq is-sit web tal-EPSO rigward l-istadji varji tal-proċedura.

Jekk ma għandekx profil tal-EPPO jenħtieġ li toħloq wieħed billi ssegwi l-istruzzjonijiet għall-
ħolqien ta' profil fuq is-sit web tal-EPPO www.eu-careers.eu.

Irid ikollok indirizz tal-email validu u int responsabbli għall-aġġornament ta' dan il-profil, kif
ukoll tad-dettalji tiegħek fil-kont tal-EPPO tiegħek.

ANNEX I

KOMPITI

1. COM/TA/AD/01/20 (AD 8)

Id-dmirijiet *ġenerali* ewlenin tal-kandidati magħżula li ġew reklutati minn din il-proċedura tas-selezzjoni se jinkludu:

- Il-ġestjoni tal-proġetti: l-analiżi, il-proposta, id-disinn, l-istima tal-ispejjeż, l-identifikazzjoni u l-akkwist ta' riżorsi meħtieġa, l-iskedar tal-attivitajiet, is-segwitu tal-implimentazzjoni, il-ġestjoni tal-bidla u r-rappurtar;
- Il-parteċipazzjoni / il-koordinazzjoni / it-tmexxija ta' tim(ijiet) inkarigat(i) minn attivitajiet ta' proġetti jew responsabbli mill-forniment ta' servizzi tal-IT.

Skont il-qasam magħżul, il-kompiti *speċifiċi* tal-kandidati ammessi jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

Qasam 1: It-Teknoloġija Avanzata: Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja

- L-esperti tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja** jkunu prinċipalment involuti f'dan li ġej:
- Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-istrateġija tal-Kummissjoni tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (High Performance Computing, HPC)
 - L-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea tal-HPC
 - L-appoġġ għall-operazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Impriża Konġunta EuroHPC
 - L-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' innovazzjoni u ta' żoni ta' riċerka ġodda
 - It-tixrid u l-komunikazzjoni tal-istrateġija Ewropea tal-HPC, il-politika u l-attivitajiet, u l-parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet mal-kostitwenza
 - Il-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet għall-implimentazzjoni teknika ta' proġetti ta' Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja tal-Kummissjoni
 - Il-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni operattiva tas-servizzi tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja infrastrutturali tal-Kummissjoni

Qasam 2: It-Teknoloġija Avanzata: It-Teknoloġiji Quantum

- L-esperti tat-Teknoloġiji Quantum** ikunu prinċipalment involuti fl-oqsma li ġejjin:
- Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-istrateġija tal-Kummissjoni fit-teknoloġiji quantum
 - L-implimentazzjoni tal-inizjattiva Ewlenija dwar it-Teknoloġiji Quantum Futuri u Emerġenti (Future & Emerging Technologies, FET)
 - Il-monitoraġġ u s-segwitu ta' proġetti ffinanzjati mill-inizjattiva Ewlenija tat-Teknoloġiji Quantum FET
 - L-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' innovazzjoni u ta' żoni ta' riċerka ġodda
 - It-tixrid u l-komunikazzjoni tal-inizjattiva Ewlenija tat-Teknoloġiji Quantum FET u l-parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet mal-kostitwenza

Qasam 3: L-Analiżi tad-Data u x-Xjenza tad-Data

L-esperti tal-Analiżi tad-Data jkunu prinċipalment involuti fl-oqsma li ġejjin:

- L-arkitettura, l-analiżi u s-superviżjoni teknika u amministrattiva fil-qasam tax-xjenza u l-analitika tad-*Data*, l-istima u l-validazzjoni tad-*Data*, il-ġestjoni u l-validazzjoni tad-*Data*, il-kwalità u t-tixrid tad-*Data*
- Id-definizzjoni ta' proċess (statistika) għal stima tad-*Data*, imputazzjonijiet u l-verifika tar-riżultati.
- L-identifikazzjoni tad-daqs tal-kampjun u l-istratifikazzjoni
- L-identifikazzjoni ta' iżolat u l-analiżi ta' serje temporali u ekonometrika
- L-abbozzar ta' tixrid ta' *data* (statistika) u l-validazzjoni ta' politiki, standards u linji gwida
- L-analiżi u l-valutazzjoni tal-kwalità tad-*data*
- L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi, għodod, u proċeduri għall-ipproċessar u l-interpretazzjoni ta' *data*, li jistgħu jinvolvu l-użu ta' tekniċi kwantitattivi avvanzati għal skopijiet ta' evalwazzjoni u valutazzjoni
- Il-ġestjoni ta' proġetti tal-IT (iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ), inkluża l-elaborazzjoni u / jew l-akkwist ta' sistemi ta' informazzjoni, u r-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-proġett (il-metodoloġija tal-PM²), kif ukoll il-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni

L-esperti tax-Xjenza tad-*Data* jkunu prinċipalment involuti fl-oqsma li ġejjin:

- L-arkitettura tad-*data*, inklużi d-definizzjoni ta' kombinazzjonijiet ta' sorsi ta' *data*, il-faċilitajiet ta' ħżin tad-*data*, is-servizzi tad-*data*, il-proċedura tal-validazzjoni tad-*data*, l-analitika
- Il-ġestjoni tad-*data*, tal-informazzjoni u tal-għarfien: il-konċepiment, il-konsulenza u l-implimentazzjoni fil-qasam tal-ontoloġiji, teżawri multilingwi u tassonomiji, informazzjoni strutturata bbażata fuq it-teknoloġija XML, Linked Open Data (LOD)
- L-amministrazzjoni tal-Big Data, informazzjoni mhux strutturata u strutturata, bażijiet ta' *data* ta' referenza
- L-Integrazzjoni tad-*Data* u konnessjoni
- L-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq teknoloġiji emerġenti relatati mad-*data*, bħalma huma l-intelliġenza artifiċjali, l-intelliġenza moderna tan-negożju, analitiċi avvanzati
- L-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi, għodod u proċeduri għall-ipproċessar, l-interpretazzjoni u s-sinteżi tad-*Data*
- Il-konċepiment u l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-protezzjoni tad-*data*
- Il-konċepiment u l-implimentazzjoni ta' miżuri għas-sigurtà tad-*data*
- L-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji tad-*data*
- Il-ġestjoni ta' proġetti tad-*data* (ċiklu ta' ħajja sħiħ)
- Il-ġestjoni tas-servizz ta' soluzzjonijiet tad-*data*/ ta' l-ekosistemi tad-*data*
- Il-konċepiment, l-iskjerament u l-ġestjoni ta' soluzzjonijiet ta' infrastruttura ta' *data*
- Standards ta' *data* u *metadata*
- L-applikazzjoni ta' tekniki avvanzati ta' analiżi u tagħlim tal-magni, inkluż "tagħlim fil-fond" ibbażat fuq mudelli newrali, għal kompiti relatati mat-traduzzjoni bil-magna, inklużi, iżda mhux limitati għall-adattament tad-dominju
- L-akkwist u l-ġestjoni ta' sorsi ta' *data*, bħal *corpora* paralleli, komparabbli, u monolingwi (inkluża *data* miġjuba mill-Web jew *corpora* paralleli artifiċjali permezz ta' traduzzjoni b'lura)
- L-akkwist u l-ġestjoni ta' sorsi ta' *data* għall-bini ta' għodod imtejba ta' qabel u wara l-ipproċessar (pereżempju analiżi morfoloġika u sintattika, ordni mill-ġdid, skorjar mill-ġdid, stima tal-kwalità)

Qasam 4: Il-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Computing Mobbli

L-esperti tal-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Computing Mobbli jkunu involuti f' dawn li ġejjin:

- l-arkitettura, id-disinn, l-implimentazzjoni, l-operazzjoni, l-iżvilupp u l-appoġġ ta' soluzzjonijiet / servizzi f'oqsma bħall-awtomazzjoni tal-uffiċċju, inklużi prodotti ta' Open Source Software (OSS), il-post tax-xogħol diġitali u l-computing mobbli
- L-implimentazzjoni ta' linji politiċi ta' sigurtà għal dawn is-servizzi u l-proposta ta' evoluzzjoni ta' dawn is-servizzi biex ikun permess l-adattament f'waqtu għall-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tan-negozju.
- L-identifikazzjoni ta' teknoloġiji tad-*data* tal-ogħla livell sabiex jikkontribwixxu għad-definizzjoni ta' strateġiji ġodda ta' *data*
- Il-koordinazzjoni ta' attivitajiet arkitettoniċi, ta' skjerament u ta' integrazzjoni u ġestjoni ta' infrastrutturi u soluzzjonijiet ġodda
- Il-ġestjoni ta' proġetti tal-IT (iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ), inkluża l-elaborazzjoni u / jew l-akkwist ta' sistemi ta' informazzjoni, u r-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-proġett (il-metodoloġija tal-PM²), kif ukoll il-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni
- Il-ġestjoni tal-programmi allinjata mal-obiettivi strateġiċi tas-servizz
- Il-ġestjoni tal-portafoll tal-proġetti
- L-implimentazzjoni tal-manutenzjoni (korrettiva, kurattiva, evoluttiva, preventiva) tas-sistemi ta' informazzjoni

Qasam 5: Is-Sigurtà fl-ICT

L-esperti tas-Sigurtà fl-ICT jkunu involuti f' dawn li ġejjin:

- L-abbozzar ta' politiki u standards tas-sigurtà tal-IT
- Il-forniment ta' Servizzi CERT: il-kunċettwalizzazzjoni, l-analiżi u s-superviżjoni teknika u amministrattiva fil-qasam tas-sigurtà fl-ICT, l-appoġġ u l-infrastruttura.
- Ir-rieżami tal-oqfsa tas-sigurtà tal-IT u l-appoġġ għat-titjib tal-proċessi tas-sigurtà tal-IT
- It-tweqqif tad-disinn tal-arkitettura, analiżi, abbozzar tekniku u legali u implimentazzjoni ta' kontrolli ta' sigurtà adattati skont il-livell ta' riskju
- L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-integrazzjoni ta' prodotti ta' sigurtà, inklużi l-iżvilupp u t-titjib ta' għodod speċifiċi ta' sigurtà
- L-appoġġ ta' timijiet ta' proġetti fil-valutazzjoni ta' sigurtà perjodika, testijiet ta' sigurtà, ġestjoni tal-vulnerabbiltà, monitoraġġ ta' avvenimenti ta' sigurtà u rispons f'każ ta' inċident
- It-tweqqif ta' awditi ta' sigurtà tal-IT u investigazzjoni ta' inċidenti
- Il-proponiment ta' miżuri li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà ċibernetika
- It-tweqqif ta' Operazzjonijiet ta' Sigurtà Ċibernetika: il-monitoraġġ u s-sejbien, ir-rispons għal inċidenti, it-tiftix tat-theddid, l-assigurazzjoni tas-sigurtà, l-inġinerija tal-operazzjonijiet ta' sigurtà
- Il-ġestjoni ta' proġetti tal-IT (iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ), inkluża l-elaborazzjoni u / jew l-akkwist ta' sistemi ta' informazzjoni, u r-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-proġett (il-metodoloġija tal-PM²), kif ukoll il-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni L-għajnuna u l-konsulenza fl-oqsma tal-Ġestjoni tal-Identità u l-Aċċess u tal-Firma Elettronika
- Il-parteċipazzjoni fi gruppi ta' ħidma funzjonali u tekniċi, ir-rieżami ta' proposti tekniċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tas-sigurtà u l-aħjar prattiki

Qasam 6: L-Infrastruttura tal-IT u l-Cloud

L-esperti tal-Infrastruttura tal-IT se jkunu involuti f' dawn li ġejjin:

- L-arkitettura, l-implimentazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' soluzzjonijiet / servizzi f'oqsma ta' infrastruttura ta' intrapriżi tal-ICT u ċentri ta' *data* korporattiva. B'mod partikolari, l-integrazzjoni u l-ġestjoni ta' komponenti fiżiċi u virtwali (sistemi operattivi, servers, sistemi ta' ħażna, bażijiet ta' *data*, servers ta' applikazzjoni, network), servizzi (aċċess mill-bogħod, aċċess għall-internet, komunikazzjoni tal-vuċi / tad-*data*, servizzi mobbli, sigurtà, networks b'żona wiesgħa) u ta' teknoloġiji u servizzi privati u pubbliċi dwar Cloud Computing
- Il-ġestjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet operazzjonali permezz ta' kuntratti ta' servizzi ġestiti f'oqsma teknoloġiċi tipikament misjuba fl-infrastruttura tal-intrapriża tal-ICT u Ċentri ta' *Data* korporattiva
- L-iżvilupp u l-ġestjoni tal-katalgi tan-negozju u ta' servizzi tekniċi
- Id-disinn u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' sigurtà tal-informazzjoni tal-intrapriża u oqfsa ta' kontinwità tan-negozju għal servizzi ta' infrastruttura tal-IT
- Il-ġestjoni tal-IT (iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ), inklużi l-elaborazzjoni u / jew l-akkwist ta' sistemi ta' informazzjoni, u r-rieżami tad-dokumentazzjoni tal-proġett (il-metodoloġija tal-PM²), kif ukoll il-manutenzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni

2. COM/TA/AST/02/20 (AST 4)

Id-dmirijiet **ġenerali** ewlenin tal-kandidati magħżula li ġew reklutati minn din il-proċedura tas-selezzjoni se jinkludu:

- Il-ġestjoni tal-proġetti: l-għajjnuna fl-analiżi, il-proposta, id-disinn, l-istima tal-ispejjeż, l-identifikazzjoni u l-akkwist ta' riżorsi meħtieġa, l-iskedar tal-attivitajiet, is-segwitu tal-implimentazzjoni, il-ġestjoni tal-bidla u r-rappurtar;
- Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-proġetti.

Skont il-qasam magħżul, il-kompiti **speċifiċi** tal-kandidati ammessi jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

Qasam 1: It-Teknoloġija Avanzata: Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja

L-assistenti tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (HPC) jkunu prinċipalment involuti f'dan li ġej:

- L-assistenza fl-identifikazzjoni ta' każijiet ta' użu għal Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja fil-Kummissjoni
- L-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' każijiet ta' użu tal-Kummissjoni għal Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja
- L-implimentazzjoni operattiva ta' servizzi ta' infrastruttura, f'bini jew fil-cloud, biex tappoġġa l-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja
- L-appoġġ għall-fattibilità u l-valutazzjoni tal-opportunità tal-proġetti tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja tal-Kummissjoni
- L-appoġġ għall-operazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja. l-analiżi operazzjonali ta' talbiet speċifiċi; il-preparazzjoni teknika tad-*data*; l-evalwazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-komputazzjoni meħtieġa assoċjati mat-talbiet speċifiċi tas-servizzi; it-twaqqif u l-monitoraġġ tas-sessjonijiet/użu tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja; l-ottimizzazzjoni tal-kombinazzjoni tar-riżorsi tal-komputazzjoni meħtieġa; it-twaqqif u l-monitoraġġ ta' aspetti relatati mas-sigurtà; Ir-rappurtar u d-dashboarding tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja; Il-helpdesking, it-

troubleshooting u s-soluzzjoni tal-problemi operattivi tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja; Il-monitoraġġ tal-ispiża tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja.

- L-appoġġ għall-ottimizzazzjoni operattiva tas-soluzzjonijiet tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja: L-ottimizzazzjoni tal-proġetti; L-ottimizzazzjoni tar-riżorsi; L-ottimizzazzjoni tas-sistemi; Il-koordinazzjoni teknika tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja ma' infrastrutturi tal-IT (pjattaformi tad-*data*, sistemi tan-network, sistemi tal-informazzjoni)
- L-appoġġ għall-komunikazzjoni u l-attivitajiet ta' taħriġ tal-Kompjuters ta' Prestazzjoni Għolja

Qasam 3: L-Analiżi tad-Data u x-Xjenza tad-Data

L-assistenti tal-Analiżi tad-Data jkunu involuti f'dawn li ġejjin:

- It-tħaddim tal-arkitettura tad-*data*, l-analiżi tad-*data* u s-superviżjoni teknika u amministrattiva fil-qasam tal-analiżi tad-*Data*, l-Intelliġenza Artifiċjali, l-Intelliġenza tan-Negożju, l-analitika avvanzata, l-stima tad-*Data* u vl-alidazzjoni, il-ġestjoni tad-*Data*, il-kwalità u t-tixrid tad-*Data*
- L-implimentazzjoni ta' proċess (statistiku) għal stima tad-*data*, imputazzjonijiet u l-verifika tar-riżultati
- L-identifikazzjoni operazzjonali tad-daqs tal-kampjun u l-istratifikazzjoni
- Identifikazzjoni ta' iżolat u analiżi ta' serje temporali u ekonometrika
- L-appoġġ għall-abbozzar operazzjonali ta' tixrid ta' *data* (statistika) u l-politiki, standards u linji gwida ta' validazzjoni
- L-analiżi u l-valutazzjoni tal-kwalità tad-*data*
- L-applikazzjoni ta' metodi, għodod, u proċeduri għall-ipproċessar u l-interpretazzjoni ta' *data*, li jistgħu jinvolve l-użu ta' tekniki kwantitattivi avvanzati għal skopijiet ta' evalwazzjoni u valutazzjoni
- Il-ġestjoni ta' proġetti ta' żvilupp ta' IT / *Data* (ċiklu ta' ħajja sħiħ)

L-assistenti tax-Xjenza tad-Data jkunu involuti f'dawn li ġejjin:

- L-implimentazzjoni tal-arkitettura tad-*data*, inklużi l-kombinazzjonijiet ta' sorsi ta' *data*, il-faċilitajiet ta' ħżin tad-*data*, is-servizzi tad-*data*, il-proċedura tal-validazzjoni tad-*data*, l-analitika
- L-appoġġ għall-ġestjoni tad-*data*, tal-informazzjoni u tal-għarfien: il-konċepiment, il-konsulenza u l-implimentazzjoni fil-qasam tal-ontoloġija, teżawri multilingwi u tassonomiji, informazzjoni strutturata bbażata fuq it-teknoloġija XML, Linked Open Data (LOD)
- L-integrazzjoni u l-konnessjoni tad-*data* operazzjonali
- Il-kontribut għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq teknoloġija emerġenti relatati mad-*data*, bħalma huma l-intelliġenza artifiċjali, l-intelliġenza moderna tan-negożju, analiżi avvanzati
- L-implimentazzjoni ta' metodi, għodod u proċeduri għall-ipproċessar, l-interpretazzjoni u s-sinteżi tad-*Data*
- L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni tad-*data*
- L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà tad-*data*
- L-implimentazzjoni ta' strateġiji tad-*data*
- L-appoġġ tekniku għal proġetti tal-IT relatati mal-ġestjoni tad-*data* (ċiklu tal-ħajja sħiħ)
- L-applikazzjoni ta' tekniki avvanzati ta' analiżi u taġħlim tal-magni, inkluż "taġħlim fil-fond" ibbażat fuq mudelli newrali, għal kompiti relatati mat-traduzzjoni bil-magna, inklużi, iżda mhux limitati għall-adattament tad-dominju

- L-akkwist u l-ġestjoni ta' sorsi ta' *data*, bħal *corpora* paralleli, komparabbli, u monolingwi (inkluża *data* miġjuba mill-Web jew *corpora* paralleli artifiċjali permezz ta' traduzzjoni b'lura)
- L-akkwist u l-ġestjoni ta' sorsi ta' *data* għall-bini ta' għodod imtejba ta' qabel u wara l-ipproċessar (pereżempju analiżi morfoloġika u sintattika, ordni mill-ġdid, skorjar mill-ġdid, stima tal-kwalità)

Qasam 4: Il-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Computing Mobbli

L-assistenti tal-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Computing Mobbli jkunu involuti f'dawn li ġejjin:

- L-iżgurar tal-amministrazzjoni tas-servizzi ta' appoġġ tal-IT għall-Post tax-Xogħol Diġitali (implimentazzjoni, operazzjoni, titjib u proġetti), partikolarment:
 - o L-assistenza lill-Maniġer tas-Servizz DWP u lill-ġerarkija fl-ipprogrammar, l-organizzazzjoni, il-prijoritizzazzjoni u r-rappurtar dwar it-tħaddim korrett tat-tim tad-Desk Service, inkluża l-koordinazzjoni tat-tim inkarigat mill-proċessi ITIL ewlenin li ġejjin: Il-Ġestjoni ta' Inċidenti, il-Monitoraġġ u l-Ġestjoni ta' Avvenimenti, is-Soluzzjoni ta' Talbiet
 - o Il-koordinazzjoni u s-superviżjoni tal-attivitajiet tas-Service Desk skont iż-żewġ linji ta' ċentri tal-ġestjoni tal-proċessi u tal-kompetenza teknika, fil-kuntest tas-Servizz DWP. Is-Service Desk huwa responsabbli għall-attivitajiet ewlenin li ġejjin: Service Desk għall-ġestjoni tal-kuntatti tal-Klijent, il-Ġestjoni tal-Inċidenti (l-ewwel livell), il-Monitoraġġ u l-Ġestjoni ta' Avvenimenti, is-Soluzzjoni ta' Talbiet
 - o Il-kontribut għat-titjib u l-manutenzjoni ta' għodod, prodotti, proġetti, servizzi u mudelli tal-IT standardizzati permezz ta' għassa u ttestjar tekniku
 - o L-iżgurar tal-komunikazzjoni dwar l-attivitajiet relatati mas-servizzi DWP lejn l-utenti finali, inklużi l-komunità IRMs u t-tim intern. Il-komunikazzjoni għalhekk tkun kemm teknika kif ukoll popolari
- Il-koordinazzjoni mal-kuntratturi dwar il-ġestjoni ta' ċiklu tal-ħajja tal-assi tal-IT
- Il-validazzjoni ta' talbiet għall-utenti finali tal-IT f'konformità ma' dokumenti speċifiċi bħalma huma l-politiki ta' allokkazzjoni u r-regoli tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-IT kollha, inklużi aspetti tas-sigurtà tal-IT
- Il-ġestjoni tal-installazzjoni, iċ-ċaqliq u s-sostituzzjoni ta' tagħmir tal-IT
- L-implimentazzjoni tal-manutenzjoni (korrettiva, kurattiva, evoluttiva, preventiva) tas-sistemi ta' informazzjoni

Qasam 5: Is-Sigurtà fl-ICT

L-assistenti tas-Sigurtà fl-ICT ikunu involuti f'dawn li ġejjin:

- L-appoġġ għas-Servizzi CERT: l-assistenza fid-definizzjoni tas-servizz, il-provvista ta' appoġġ tekniku u amministrattiv fit-twassil tas-servizzi fil-qasam tas-sigurtà tal-ICT
- Il-kontribut għad-definizzjoni ta' oqfsa ta' sigurtà tal-IT, b'appoġġ għat-titjib tal-proċessi ta' Sigurtà tal-IT
- L-assistenza fil-kompiti ffukati fuq id-disinn tal-arkitettura, l-analiżi, l-abbozzar tekniku u legali u l-implimentazzjoni ta' kontrolli ta' sigurtà adattati skont il-livell ta' riskju
- L-appoġġ għall-valutazzjoni tal-identifikazzjoni u l-integrazzjoni ta' prodotti ta' sigurtà inklużi kompiti speċifiċi lejn l-iżvilupp jew it-titjib ta' għodod ta' sigurtà relatati
- L-appoġġ ta' timijiet ta' proġetti fil-valutazzjoni ta' sigurtà perijodika, testijiet ta' sigurtà, ġestjoni tal-vulnerabbiltà, monitoraġġ ta' avvenimenti ta' sigurtà u rispons f'każ ta' inċident
- Il-kontribut għat-twettiq ta' awditi ta' sigurtà tal-IT u investigazzjoni ta' inċidenti

- Il-proposti ta' miżuri li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà ċibernetika
- L-għajnuna fl-Operazzjonijiet tas-Sigurtà Ċibernetika: il-monitoraġġ u s-sejbien, it-tiftix tat-theddid, ir-rispons għal inċidenti, l-assigurazzjoni tas-sigurtà, l-inġinerija ta' operazzjonijiet ta' sigurtà
- Kompiti b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp tal-IT, bl-applikazzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni ta' proġetti adottati (metodoloġija PM²)
- L-assistenza u l-appoġġ fl-oqsma tal-Ġestjoni tal-Identità u l-Aċċess u tal-Firma Elettronika
- Il-preparazzjoni u l-parteċipazzjoni fi gruppi ta' ħidma funzjonali u tekniċi, valutazzjoni ta' proposti tekniċi, monitoraġġ tal-konformità mal-istandards ta' sigurtà u l-aħjar prattiki
- L-appoġġ għad-disinn tal-arkitettura tal-kontrolli tas-sigurtà adattati għal-livell ta' riskju stmat

Qasam 6: L-Infrastruttura tal-IT u l-Cloud

L-assistenti tas-Sigurtà fl-ICT ikunu involuti f'dawn li ġejjin:

- Id-disinn, l-implimentazzjoni, it-tħaddim u l-appoġġ ta' soluzzjonijiet / servizzi f'oqsma tal-infrastruttura tal-intrapriża tal-ICT, datacentres korporattivi, cloud privata u pubblika. B'mod partikolari, l-integrazzjoni u l-ġestjoni ta' komponenti fiżiċi u virtwali (sistemi operattivi, kontenituri, software tal-orkestrazzjoni tal-kontejners, servers, sistemi ta' ħażna, bażijiet tad-*data*, servers tal-applikazzjoni, elementi tan-network, stack ta' awtomazzjoni, linji ta' twassil ta' software), servizzi (aċċess remot, aċċess għall-internet, vuċi / datakomunikazzjoni, servizzi mobbli, sigurtà,) jew fil-post jew fi cloud pubblika
- Rwol tekniku ta' Konsulenza fil-kuntest ta' arkitettura bbażata fuq soluzzjonijiet ta' cloud ibridi li jħalltu kemm servizzi ta' cloud fil-post kif ukoll dawk pubbliċi
- Il-koordinazzjoni ta' attivitajiet operazzjonali permezz ta' kuntratti ta' servizzi ġestiti f'oqsma teknoloġiċi tipikament misjuba fl-infrastrutturi ta' intrapriżi tal-ICT, ċentri tad-*data* korporattiva u offerta pubblika ta' cloud
- Il-Ġestjoni tal-Prodott tal-komponenti tal-Infrastruttura tal-ICT inklużi, iżda mhux limitati għal sistemi operattivi, servers, kontenituri, software tal-orkestrazzjoni tal-kontejners, sistemi tal-ħżin, bażijiet tad-*data*, servers tal-applikazzjoni, elementi tan-network, linji tat-twassil tas-software, software tal-awtomazzjoni

[Tmiem l-ANNESS I, agħfas hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali](#)

ANNEX II

KRITERJI TAS-SELEZZJONI

Il-Kumitat tas-Selezzjoni jikkunsidra l-kriterji li ġejjin għas-selezzjoni bbażata fuq il-kwalifiki:

COM/TA/AD/01/20 (AD 8)

Qasam 1: It-Teknoloġija Avvanzata: Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja

1. Grad universitarju fix-xjenza tal-kompjuter, inġinerija tal-IT, inġinerija elettrika, inġinerija tat-telekomunikazzjoni, elettronika mikro / nano, fiżika, kimika, bijoloġija, intelliġenza artifiċjali, jew żvilupp ta' software.
2. Tal-inqas tliet snin esperjenza professjonali f' wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma:
 - a. Ipprogrammar u kodifikazzjoni parallela
 - b. Żvilupp ta' software
 - c. Disinn tal-kompjuter jew ċippa
 - d. Ġestjoni taċ-Ċentru tad-Data
 - e. Ġestjoni ta' pjattaformi tal-Komputazzjoni
 - f. Ġestjoni ta' pjattaformi tad-Data
 - g. Ġestjoni tal-Infrastruttura ta' Applikazzjoni / Middleware (Sistemi ta' Ġestjoni u Server ta' Applikazzjonijiet ta' Bażijiet tad-Data u / jew Kontenut)
 - h. Analiżi ta' settijiet ta' data kbar jew informazzjoni mhux strutturata
 - i. Mudellar xjentifiku
 - j. Applikazzjoni ta' komputazzjoni ta' prestazzjoni għolja
 - k. L-intelliġenza artifiċjali
 - l. Statistika applikata
 - m. Matematika applikata
3. Tal-inqas tliet snin esperjenza professjonali fit-tweġiq ta' Riċerka u Żvilupp, jew fil-ġestjoni ta' proġetti ta' Riċerka u Żvilupp.
4. Esperjenza professjonali fl-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġett
5. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' Riċerka u Żvilupp appoġġati minn programmi ta' finanzjament pubbliku.
6. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja ta' azzjonijiet ta' Riċerka u Żvilupp.
7. Esperjenza professjonali fl-abbozzar ta' rapporti tekniċi jew mhux tekniċi dwar kwalunkwe suġġett relatat ma' Riċerka u Żvilupp, xjenza, IT jew politika.
8. Esperjenza fit-taħdit fil-pubbliku.

Qasam 2: It-Teknoloġija Avvanzata: It-Teknoloġiji Quantum

1. Grad universitarju fix-xjenza tal-kompjuter, inġinerija tal-IT, inġinerija elettrika, inġinerija tat-telekomunikazzjoni, elettronika mikro / nano, fotonika, fiżika, kimika, sigurtà ċibernetika, jew żvilupp ta' software.
2. Mill-inqas tliet snin esperjenza professjonali f' wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma:
 - a. Fiżika kwantistika
 - b. Elettronika mikro / nano
 - c. Fotonika
 - d. Inġinerija elettrika
 - e. Networks tat-telekomunikazzjoni
 - f. Sensing jew metroloġija
 - g. Ċibersigurtà
 - h. Żvilupp ta' software

- i. Disinn tal-kompjuters
3. Tal-inqas tliet snin esperjenza professjonali fit-tweġġ ta' Riċerka u Żvilupp, jew fil-ġestjoni ta' proġetti ta' Riċerka u Żvilupp.
4. Esperjenza professjonali fl-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġett.
5. Esperjenza professjonali bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' Riċerka u Żvilupp appoġġati minn programmi ta' finanzjament pubbliku.
6. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja ta' azzjonijiet ta' Riċerka u Żvilupp.
7. Esperjenza professjonali fl-abbozzar ta' rapporti tekniċi jew mhux tekniċi dwar kwalunkwe suġġett relatat ma' Riċerka u Żvilupp, xjenza, IT jew politika.
8. Esperjenza fit-taħdit fil-pubbliku.

Qasam 3: L-Analiżi tad-Data u x-Xjenza tad-Data

1. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni tal-proġetti fil-qasam tal-ipproċessar tad-*data*.
2. Esperjenza professjonali fil-Ġestjoni tas-Servizz tad-*Data*.
3. Esperjenza professjonali ta' Oqfsa ta' Governanza ta' *Data*
4. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proġetti jew fil-ġestjoni ta' attivitajiet u servizzi fil-qasam tal-analiżi tad-*data* (identifikazzjoni u trattament minnufih, panel data, stima bbażata fuq il-mudelli, serje ta' ħin u sħarriġ).
5. Esperjenza professjonali f'qasam relatat mal-ġestjoni tad-*data* (web scraping u analitika, taġħlim statistiku, taġħlim bil-magni, stimi bbażati fuq algoritmi, statistika ġeospazjali, *data* tal-iskenjar u sensuri tad-*data*).
6. Esperjenza professjonali fir-riċerka u l-użu ta' għodod għall-analiżi tad-*data*.
7. Esperjenza professjonali fir-riċerka u l-ġestjoni ta' Big Data, informazzjoni mhux strutturata u bażijiet ta' *data* ta' referenza.
8. Esperjenza professjonali fil-qasam tal-ġestjoni ta' *metadata*, identifikazzjoni tal-iżolat u analiżi ta' serje temporali u ekonometrika.
9. Esperjenza professjonali fit-tixrid ta' *data* statistika u politiki, standards u linji gwida ta' validazzjoni.
10. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira ddedikati għall-iskambju, l-ipproċessar u t-tixrid ta' *data*.
11. Esperjenza professjonali fl-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi, għodod, u proċeduri għall-ipproċessar u l-interpretazzjoni ta' *data*, li jistgħu jinvolvu l-użu ta' tekniċi kwantitattivi avvanzati għal skopijiet ta' evalwazzjoni u valutazzjoni.

Qasam 4: Il-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Computing Mobbli

1. Esperjenza professjonali fid-definizzjoni u t-tfassil ta' soluzzjonijiet / servizzi f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni fuq skala ta' intrapriża relatati mal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-computing mobbli.
2. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni, l-operat, l-iżvilupp u l-appoġġ ta' soluzzjonijiet / servizzi f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni ta' skala ta' intrapriża fir-rigward tal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-computing mobbli.
3. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' sigurtà f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni ta' skala ta' intrapriża fir-rigward tal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-computing mobbli.
4. Esperjenza professjonali fil-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' arkitettura, ta' skjerar u ta' integrazzjoni u l-ġestjoni ta' infrastrutturi u soluzzjonijiet ġodda.

5. Esperjenza professjonali fil-post tax-xogħol diġitali komuni, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-arkitetturi, id-disinn u l-iżvilupp tal-computing mobbli.
6. Esperjenza professjonali fl-ippjanar tar-riżorsi, inkluża l-analiżi tar-rekwiżiti, l-istima u l-allokazzjoni tar-riżorsi.
7. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija ta' Ġestjoni tal-Proġetti.

Qasam 5: Is-Sigurtà fl-ICT

1. Esperjenza professjoni fid-disinn, analiżi, abbozzar tekniku u legali u implimentazzjoni ta' kontrolli ta' sigurtà adattati skont il-livell ta' riskju (inklużi verifiki ta' kwalità)
2. Esperjenza professjonali fl-analiżi tat-tendenzi tas-suq għall-prodotti tas-sigurtà.
3. Esperjenza professjonali: Evalwazzjoni perjodika tas-sigurtà, ittestjar tas-sigurtà u ġestjoni tal-vulnerabbiltà.
4. Esperjenza professjonali fil-miżuri ta' sensibilizzazzjoni fil-qasam tas-sigurtà ċibernetika.
5. Ċertifikazzjoni u esperjenza professjonali fil-metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti u / jew fil-ġestjoni tas-servizzi.
6. Ċertifikazzjonijiet tas-sigurtà fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tas-sigurtà jew ir-rispons għall-inċidenti tas-sigurtà.
7. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess.
8. Esperjenza professjonali fil-kodifikazzjoni u l-kriptografija sigura.

Qasam 6: L-Infrastruttura tal-IT u l-Cloud

1. Kwalifika u / jew esperjenza professjonali fil-ġestjoni tas-servizzi (ċertifikazzjoni ITIL).
2. Esperjenza professjonali fl-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' wieħed jew diversi oqsma tas-servizzi ta' ċentru tad-*data* (servizzi ta' pjattaforma ta' komputazzjoni, servizzi ta' ħażna u riżerva, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' networks u sigurtà).
3. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' kuntratti ta' servizz f'wieħed jew diversi oqsma tas-servizzi ta' ċentru tad-*data* (servizzi ta' pjattaforma ta' komputazzjoni, servizzi ta' ħażna u riżerva, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' networks u sigurtà) imwassla kompletament jew parzjalment minn fornituri ta' servizzi sottokuntrattati.
4. Esperjenza professjonali fit-teknoloġiji involuti f'wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma:
 - a. Il-ġestjoni ta' Pjattaforma ta' Komputazzjoni (Sistemi Operattivi, Virtwalizzazzjoni, servers Fiżiċi)
 - b. Il-ġestjoni tal-Ħażna u / jew Ġestjoni tas-Servizzi tal-Backup
 - c. Ġestjoni tal-Infrastruttura ta' Applikazzjoni / Middleware (Sistemi ta' Ġestjoni u Server ta' Applikazzjonijiet ta' Bażijiet tad-*Data* u / jew Kontenut)
 - d. Il-ġestjoni ta' faċilitajiet u assi taċ-ċentri tad-*data* fiżiċi
 - e. Il-ġestjoni tan-networks u t-teknoloġiji tas-servizzi ta' sigurtà.
5. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni tal-proġett għal servizzi taċ-ċentru tad-*data* mogħtija fil-modalità klassika u / jew orjentata lejn il-cloud (servizzi ta' pjattaforma ta' komputazzjoni, servizzi ta' ħażna u backup, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni).
6. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija ta' Ġestjoni tal-Proġetti.
7. Esperjenza professjonali fl-oqfsa tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom fuq is-servizzi tan-network u tas-sigurtà.
8. Esperjenza professjonali fid-disinn u fl-implimentazzjoni ta' wieħed jew diversi oqsma tas-servizzi ta' ċentru tad-*data* (servizzi ta' pjattaforma ta' komputazzjoni, servizzi ta' ħażna u riżerva, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' networks u sigurtà).

2. COM/TA/AST/02/20 (AST 4)

Qasam 1: It-Teknoloġija Avvanzata: Il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja

1. Esperjenza professjonali f' wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma:
 - a. Ipprogrammar u kodifikazzjoni parallela
 - b. Żvilupp ta' software
 - c. Disinn tal-kompjuter jew ċippa
 - d. Ġestjoni taċ-Ċentru tad-Data
 - e. Ġestjoni ta' pjattaformi tal-Komputazzjoni
 - f. Ġestjoni tal-Infrastruttura ta' Applikazzjoni / Middleware (Sistemi ta' Ġestjoni u Server ta' Applikazzjonijiet ta' Bażijiet tad-Data u / jew Kontenut)
 - g. Ġestjoni ta' pjattaformi tad-data
 - h. Analiżi ta' settijiet ta' data kbar jew informazzjoni mhux strutturata
 - i. Mudellar xjentifiku
 - j. Applikazzjoni ta' computing ta' prestazzjoni għolja
 - k. L-intelliġenza artifiċjali
 - l. Statistika applikata
 - m. Matematika applikata
 - n. Integrazzjoni tas-sistema tal-IT
2. Diploma fix-xjenza tal-kompjuter, inġinerija tal-IT, inġinerija elettrika, inġinerija tat-telekomunikazzjoni, elettronika mikro / nano, fiżika, kimika, bijoloġija, intelliġenza artifiċjali, statistika applikata, matematika applikata jew żvilupp ta' software.
3. Esperjenza professjonali fl-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġett.
4. Esperjenza professjonali fl-assistenza fil-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja ta' proġetti / proċessi.
5. Esperjenza professjonali fl-appoġġ tal-IT u / jew operazzjonijiet ta' Riċerka u Żvilupp.
6. Esperjenza professjonali fl-abbozzar ta' rapporti tekniċi jew mhux tekniċi.
7. Esperjenza fit-taħdit fil-pubbliku.

Qasam 3: L-Analiżi tad-Data u x-Xjenza tad-Data

1. Esperjenza professjonali fil-qasam tal-ipproċessar tad-data.
2. Esperjenza professjonali fil-Ġestjoni tas-Servizz tad-Data.
3. Esperjenza professjonali ta' Governanza ta' Data
4. Esperjenza professjonali fl-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġett.
5. Esperjenza professjonali fl-appoġġ għal attivitajiet u servizzi fil-qasam tal-analiżi tad-data bħall-identifikazzjoni u t-trattament minnufih, panel data, stima bbażata fuq il-mudelli, serje ta' ħin u stħarriġ.
6. Esperjenza professjonali fl-appoġġ għal qasam relatat mal-ġestjoni tad-data bħall-web scraping u l-analitika, tagħlim statistiku, tagħlim bil-magni, stimi bbażati fuq algoritmi, statistika ġeospazjali, data tal-iskenjar u sensuri tad-data.
7. Esperjenza professjonali fl-użu ta' għodda tal-analiżi tad-data.
8. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' Big Data, informazzjoni mhux strutturata u bażijiet ta' data ta' referenza.
9. Esperjenza professjonali fil-qasam tal-ġestjoni ta' metadata, identifikazzjoni tal-iżolat u analiżi ta' serje temporali u ekonometrika.
10. Esperjenza professjonali fit-tixrid u l-validazzjoni ta' data statistika u politiki.
11. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni u / jew appoġġ ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira ddedikati għall-iskambju, l-ipproċessar u t-tixrid ta' data.

Qasam 4: Il-Post tax-Xogħol Diġitali, l-Awtomazzjoni tal-Uffiċċju u l-Computing Mobbli

1. Esperjenza professjonali fl-assistenza fid-definizzjoni u t-fassil ta' soluzzjonijiet / servizzi f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni fuq skala ta' intrapriża relatati mal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-computing mobbli.
2. Esperjenza professjonali fil-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni, l-operat, l-iżvilupp u l-appoġġ ta' soluzzjonijiet / servizzi f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni ta' skala ta' intrapriża fir-rigward tal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-computing mobbli.
3. Esperjenza professjonali fil-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni ta' politiki ta' sigurtà f'diversi proġetti ta' implimentazzjoni ta' skala ta' intrapriża fir-rigward tal-post tax-xogħol diġitali, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-computing mobbli.
4. Esperjenza professjonali fl-appoġġ għall-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' arkitettura, ta' skjerar u ta' integrazzjoni u l-ġestjoni ta' infrastrutturi u soluzzjonijiet ġodda.
5. Esperjenza professjonali fil-kontribuzzjoni għall-post tax-xogħol diġitali komuni, l-awtomazzjoni tal-uffiċċju u l-arkitetturi, id-disinn u l-iżvilupp tal-computing mobbli.
6. Esperjenza professjonali fl-assistenza fl-ippjanar tar-riżorsi, inkluża l-analiżi tar-rekwiżiti, l-istima u l-allokkazzjoni tar-riżorsi.
7. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija ta' Ġestjoni tal-Proġetti.

Qasam 5: Is-Sigurtà fl-ICT

1. Esperjenza professjonali fl-assistenza fid-disinn, analiżi, abbozzar tekniku u legali u implimentazzjoni ta' kontrolli ta' sigurtà adattati skont il-livell ta' riskju (inklużi l-verifiki ta' kwalità)
2. Esperjenza professjonali fl-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-integrazzjoni ta' prodotti ta' sigurtà, inkluż l-iżvilupp, il-ġestjoni tal-vulnerabbiltà tas-sigurtà, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, l-ittestjar tal-penetrazzjoni, jew it-titjib ta' għodod speċifiċi ta' sigurtà (fost l-oħrajn l-użu ta' soluzzjonijiet open-source fil-qasam tas-sigurtà tal-IT).
3. Esperjenza professjonali: valutazzjoni perijodika tas-sigurtà, verifika tas-sigurtà tal-IT, ġestjoni tal-vulnerabbiltà, valutazzjoni tal-vulnerabbiltà, ittestjar tal-penetrazzjoni jew implimentazzjoni tas-Sigurtà tal-IT.
4. Esperjenza professjonali fil-verifiki tas-sigurtà.
5. Esperjenza professjonali fil-miżuri ta' sensibilizzazzjoni fil-qasam tas-sigurtà ċibernetika.
6. Esperjenza professjonali fil-monitoraġġ tas-sigurtà tal-IT u d-detezzjoni tal-inċidenti tas-sigurtà tal-IT, rispons tal-IT u investigazzjonijiet tal-inċidenti, assigurazzjoni tas-sigurtà, inġinerija tal-operazzjonijiet tas-sigurtà.
7. Ċertifikazzjoni fil-metodoloġija tal-Ġestjoni tal-Proġetti u / jew fil-ġestjoni tas-servizzi.
8. Ċertifikazzjonijiet tas-sigurtà fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju, il-ġestjoni tas-sigurtà jew ir-rispons għall-inċidenti tas-sigurtà.
9. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni ta' proġetti tal-IT u / jew tal-ġestjoni tas-servizzi tal-IT.
10. Esperjenza professjonali fil-ġestjoni tal-identità u l-aċċess (jiġifieri l-awtentikazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-federazzjoni tal-identità).
11. Esperjenza professjonali fil-kodifikazzjoni u l-kriptografija sigura (pereżempju OWASP, hashing, kriptografija simmetrika, kriptografija assimmetrika).

Qasam 6: L-Infrastruttura tal-IT u l-Cloud

1. Kwalifika u / jew esperjenza professjonali fil-ġestjoni tas-servizzi (ċertifikazzjoni ITIL).
2. Esperjenza professjonali fil-kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' oqsma jew bosta oqsma ta' servizzi ta' ċentri tad-*data* mogħtija fil-mod klassiku u / jew orjentat

- lejn il-cloud (servizzi ta' pjattaforma ta' komputazzjoni, servizzi ta' ħażna u backup, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, networks u servizzi ta' sigurtà).
3. Esperjenza professjonali fl-appoġġ tal-ġestjoni ta' kuntratti ta' servizz f'wieħed jew diversi oqsma tas-servizzi ta' ċentru tad-*data* mogħtija fil-modalità klassika u / jew orjentata lejn il-cloud (servizzi ta' pjattaforma ta' komputazzjoni, servizzi ta' ħażna u riżerva, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' networks u sigurtà) imwassla kompletament jew parzjalment minn fornituri ta' servizzi sottokuntrattati.
 4. Esperjenza professjonali fit-teknoloġiji involuti f'wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma:
 - a. Il-ġestjoni ta' Pjattaforma ta' Komputazzjoni (Sistemi Operattivi, Virtwalizzazzjoni, servers Fiżiċi)
 - b. Il-ġestjoni tal-Ħażna u / jew Ġestjoni tas-Servizzi tal-Backup
 - c. Ġestjoni tal-Infrastruttura ta' Applikazzjoni / Middleware (Sistemi ta' Ġestjoni u Server ta' Applikazzjonijiet ta' Bażijiet tad-*Data* u / jew Kontenut)
 - d. Il-ġestjoni ta' faċilitajiet u assi taċ-ċentri tad-*data* fiżiċi
 - e. Il-ġestjoni tan-networks u t-teknoloġiji tas-servizzi ta' sigurtà.
 5. Esperjenza professjonali fl-assistenza tal-ġestjoni tal-proġetti għal servizzi taċ-ċentru tad-*data* mogħtija fil-modalità klassika u / jew orjentata lejn il-cloud (servizzi ta' pjattaforma ta' komputazzjoni, servizzi ta' ħażna u backup, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' networks u sigurtà).
 6. Ċertifikazzjoni f'metodoloġija ta' Ġestjoni tal-Proġetti.
 7. Esperjenza professjonali fl-oqfsa tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom fuq is-servizzi tan-network u tas-sigurtà.
 8. Esperjenza professjonali fil-kontribut għad-disinn u l-implimentazzjoni ta' wieħed jew diversi oqsma tas-servizzi ta' ċentru tad-*data* (servizzi ta' pjattaforma ta' komputazzjoni, servizzi ta' ħażna u riżerva, servizzi ta' infrastruttura ta' applikazzjoni, servizzi ta' networks u sigurtà).

[Tmiem l-ANNEX II, agħfas hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali](#)

ANNEX III

1. KOMUNIKAZZJONI MAL-KANDIDATI:

Ladarba l-applikazzjoni tiegħek tkun ġiet irreġistrata, tista' ssegwi l-progress ġenerali tal-proċedura tas-selezzjoni billi tikkonsulta l-websajt tal-EPPO <http://jobs.eu-careers.eu>

L-informazzjoni individwali għandha tkun disponibbli **biss fil-kont tal-EPPO tiegħek**.

Dan huwa l-każ b'mod partikolari għal:

- It-testijiet MCQ: stedina u riżultati;
- Riżultati tal-eliġibbiltà;
- Intervista relatata mal-qasam: stedina u riżultati.

Huwa fid-dmir tal-kandidati li jikkonsultaw il-profil tal-EPPO tagħhom b'mod regolari, minn tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa. Il-kandidati huma responsabbli biex jaġġornaw l-indirizz postali u l-indirizz elettroniku tagħhom fuq il-profil tal-EPPO.

Fil-korrispondenza kollha trid tikkwota ismek kif mogħti fuq il-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ir-referenza tal-proċedura tas-selezzjoni u n-numru tal-applikazzjoni.

1.1. Żvelar awtomatiku

Tirċievi awtomatikament l-informazzjoni li ġejja permezz tal-kont EPSO tiegħek wara kull stadju tal-proċedura tas-selezzjoni:

- **It-testijiet MCQ:** ir-riżultati tiegħek u grilja bit-tweġibiet tiegħek u t-tweġibiet korretti bin-numru / ittra ta' referenza. L-aċċess għat-**test tal-mistoqsijiet u tat-tweġibiet huwa espliċitament eskluż**;
- **Eliġibbiltà;** jekk ġejtx ammess; jekk le, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li ma kinux sodisfatti;
- **Talent Screener:** ir-riżultati tiegħek u tabella bil-piżijiet tal-mistoqsijiet, il-punti mogħtija għat-tweġibiet tiegħek u l-punteġġ totali tiegħek;
- **Intervista:** ir-riżultati tiegħek.

1.2. Informazzjoni fuq talba

L-EPSO jagħmel ħiltu biex jagħmel kemm jista' jkun informazzjoni disponibbli għall-kandidati, skont l-obbligu ta' motivazzjoni, in-natura kunfidenzjali tal-proċeduri tal-Kumitat tas-Selezzjoni u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali. It-talbiet kollha għall-informazzjoni jiġu evalwati fid-dawl ta' dawn l-obbligi.

Kull talba għal informazzjoni għandha tiġi sottomessa permezz tal-websajt tal-EPSO (https://epso.europa.eu/help_mt) fi żmien għaxart (10) ijiem kalendarji mill-ġurnata li r-riżultati tiegħek ġew ippubblikati.

2. KUMITAT TAS-SELEZZJONI

Jinħatar Kumitat tas-Selezzjoni biex jagħżel l-aħjar kandidati fid-dawl tal-ħtiġijiet stabbiliti fis-sejħa.

Il-Kumitat tas-Selezzjoni jiddeċiedi wkoll dwar id-diffikultà tat-testijiet b'Mistoqsijiet ta' Għażla Multipla (ultiple-Choice Question, MCQ) ibbażati fuq il-kompjuter.

Id-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-membri tal-Kumitat tas-Selezzjoni jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EPSO <http://jobs.eu-careers.eu>

Il-kandidati huma strettament ipprojbti milli jagħmlu kwalunkwe kuntatt relatat mal-proċeduri tas-selezzjoni mal-membri tal-Kumitat tas-Selezzjoni, direttament jew indirettament. Kull ksur ta' din ir-regola jirriżulta fi skwalifika mill-proċedura ta' selezzjoni.

3. TALBIET, ILMENTI U APPELLI

3.1. Kwistjonijiet tekniċi u organizzattivi

Jekk, fi kwalunkwe stadju tal-proċedura tas-selezzjoni, tiltaqa' ma' problema teknika jew organizzattiva serja, sabiex inkunu nistgħu investigaw il-kwistjoni u nieħdu miżuri korrettivi, **informa l-EPSO esklussivament** permezz tal-websajt tal-EPSO (https://epso.europa.eu/contact/form_mt).

Fil-korrispondenza kollha, semmi **ismek** (kif mogħti fil-kont EPSO tiegħek), in-**numru tal-applikazzjoni** tiegħek u **n-numru ta' referenza tal-proċedura tas-selezzjoni**.

Jekk il-problema tiġri f'ċentru tat-test:

- avża l-inviġilaturi immedjatament sabiex tinstab soluzzjoni fiċ-ċentru nnifsu. F'kull każ, itlobhom jirreġistraw l-ilment tiegħek bil-miktub, kif ukoll

- ikkuntattja lill-EPPO mhux aktar tard **minn tlett (3) ijiem kalendarji** wara t-testijiet tiegħek permezz tal-websajt tal-EPPO (https://epso.europa.eu/contact/form_mt), b'deskrizzjoni qasira tal-problema.

Għal problemi li jseħħu barra ċ-ċentri tat-test (pereżempju, rigward il-proċess ta' prenotazzjoni tat-test), segwi l-istruzzjonijiet fil-kont tal-EPPO tiegħek u fuq il-websajt tal-EPPO jew ikkuntattja lill-EPPO immedjatament permezz tal-websajt tal-EPPO (https://epso.europa.eu/contact/forma_mt).

Għal kwistjonijiet bl-applikazzjoni tiegħek, trid tikkuntattja lill-EPPO minnufih u fi kwalunkwe każ qabel l-iskadenza għall-applikazzjonijiet permezz tal-websajt tal-EPPO (https://epso.europa.eu/contact/form_mt). Mistoqsijiet mibgħuta inqas minn ħamest (5) ijiem tax-xogħol qabel l-iskadenza għall-applikazzjonijiet jistgħu ma jitwegħbux qabel l-iskadenza.

3.2. Żball fit-testijiet ta' mistoqsijiet b'għażla multipla (MCQ) fuq il-kompjuter

Il-bażi tad-*data* tal-MCQ hija suġġetta għal kontroll ta' kwalità dettaljat permanenti mill-EPPO.

Jekk temmen li żball f'wieħed jew iktar mill-MCQs għamilha impossibbli għalik li twieġeb jew affettwa l-ħila tiegħek li twieġeb, tkun intitolat li titlob li l-mistoqsija(iet) tiġi/Jiġu riveduta?riveduti mill-Kumitat tas-Selezzjoni (skont il-proċedura ta' "newtralizzazzjoni")

B'din il-proċedura, il-Kumitat tas-Selezzjoni jista' jiddeċiedi li jikkanċella l-mistoqsija li jkun fiha l-iżball u li jerġa' jgħassam il-punti fost il-mistoqsijiet li fadal tat-test. Dawk il-kandidati li jkunu rievew din il-mistoqsija biss jiġu affettwati minn dan il-kalkolu mill-ġdid. L-immarker tat-testijiet jibqa' kif indikat fit-taqsimiet rilevanti ta' din is-Sejħa.

L-arranġamenti għall-ilmenti dwar it-testijiet MCQs huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkuntattja lill-EPPO **biss permezz tal-websajt tal-EPPO** (https://epso.europa.eu/help/forms/complaints_mt),
- **lingwa:** bil-lingwa 2 li għażilt għall-proċedura tas-selezzjoni inkwistjoni
- **id-data ta' skadenza:** fi żmien **tlett (3) ijiem kalendarji mid-data** tat-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter tiegħek
- **tagħrif addizzjonali:** iddeskrivi x'kienet il-mistoqsija (kontenut) sabiex tidentifika l-mistoqsija(iet) kkonċernata(i), u spjega n-natura tal-allegat żball kemm jista' jkun b'mod ċar.

It-talbiet riċevuti wara l-iskadenza jew li ma jiddeskrivux b'mod ċar il-mistoqsija(iet) kkontestata(i) u l-allegat żball ma jiġux ikkunsidrati.

B'mod partikolari, l-ilmenti li jindikaw biss allegati problemi ta' traduzzjoni, u li ma jispeċifikawx b'mod ċar il-problema, ma jiġux ikkunsidrati.

3.3. Talba għal rieżami:

Tista' titlob rieżami ta' kwalunkwe deċizzjoni meħuda mill-Kumitat tas-Selezzjoni / l-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti li tistabbilixxi r-riżultati tiegħek u / jew tiddetermina jekk tistax tipproċedi għall-istadju li jmiss tal-proċedura tas-selezzjoni jew jekk hijiex eskluża.

It-talbiet għal rieżami jistgħu jkunu bbażati fuq:

- irregolarità materjali fil-proċess tal-proċedura tas-selezzjoni; u / jew

- nuqqas ta’ konformità, mill-Kumitat tas-Selezzjoni jew mill-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti mar-Regolamenti tal-Persunal, is-sejħa, l-annessi tagħha u / jew il-każistika.
- **proċedura:** ikkuntattja lill-EP SO biss permezz tal-websajt tal-EP SO (https://epso.europa.eu/help/forms/complaints_mt),
- **lingwa:** bil-lingwa 2 li għażilt għall-proċedura tas-selezzjoni inkwistjoni;
- **id-data ta’ skadenza:** fi żmien **għaxart (10) ijiem kalendarji** mid-data li fiha d-deċiżjoni kkontestata ġiet ippubblikata fil-kont EP SO tiegħek;
- **tagħrif addizzjonali:** indika b’mod ċar id-deċiżjoni li tixtieq tikkontesta, u fuq liema bażi.

It-talbiet li jaslu wara l-iskadenza ma jiġux ikkunsidrati.

3.4 Proċeduri tal-appell

Tista’ tressaq ilment taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal. Għandek tibgħat kopja waħda biss, b’wieħed mill-modi li ġejjin:

- bil-posta elettronika, preferibbilment f’format pdf, lill-kaxxa postali funzjonali HR MAIL E.2 (HR-MAIL-E2@ec.europa.eu) jew
- bil-faks (32-2) 295 00 39 jew
- bil-posta lil SC11 4/57 jew
- ikkonsenjat personalment lil SC11 4/57 (bejn id-9.00 u 12.00 jew bejn is-14.00 u l-17.00).

Il-limitu ta’ żmien ta’ tliet xhur biex jinbeda dan it-tip ta’ proċedura (ara r-Regolamenti tal-Persunal <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20180101:MT:PDF>) jibda mill-ħin li tiġi notifikat dwar l-att li allegatament jippreġudika l-interessi tiegħek.

Innota li l-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti m’għandhiex is-setgħa li tbiddel id-deċiżjonijiet ta’ Bord tas-Selezzjoni. Il-Qorti Ġenerali sostniet b’mod konsistenti li d-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdu minnha l-Bordijiet tas-Selezzjoni mhix soġġetta għal reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja sakemm ir-regoli li jirregolaw il-proċeduri tagħhom ma jkunux ġew miksura b’mod ċar.

3.5 Appelli ġudizzjarji

Bħala kandidat f’proċedura ta’ selezzjoni ta’ aġenti temporanji, għandek id-dritt tippreżenta appell ġudizzjarju lill-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Innota li l-appelli kontra d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti minflok milli mill-Kumitat tas-Selezzjoni ma jkunux ammissibbli quddiem il-Qorti Ġenerali biss jekk ikun ippreżentat ilment amministrattiv skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal (ara t-Taqsima 3.4). B’mod partikolari, dan huwa l-każ bid-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-kriterji ġenerali tal-eliġibbiltà, li huma meħuda mill-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti u mhux mill-Kumitat tas-Selezzjoni.

L-arranġamenti għal appelli ġudizzjarji huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkonsulta s-sit web tal-Qorti Ġenerali (<http://curia.europa.eu/jcms/>).

3.6. L-Ombudsman Ewropew

Iċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE jistgħu jippreżentaw ilment lill-Ombudsman Ewropew.

Qabel ma tippreżenta lment lill-Ombudsman, l-ewwel trid tiegħu l-passi amministrattivi xierqa mal-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati (ara l-punti minn 3.1 sa 3.4 hawn fuq).

L-ilment lill-Ombudsman ma jestendix l-iskadenzi għall-preżentazzjoni ta' lmenti jew appelli ġudizzjarji amministrattivi.

L-arranġamenti għall-ilmenti lill-Ombudsman huma kif ġej:

- **proċedura:** ikkonsulta s-sit web tal-Ombudsman Ewropew (<http://www.ombudsman.europa.eu/>).

4. SKWALIFIKA

Tista' tiġi skwalifikat f'kull stadju tal-proċedura tas-selezzjoni jekk l-EP SO / l-awtorità awtorizzata tikkonkludi l-kuntratti tiskopri li int:

- hloq iktar minn kont tal-EP SO wieħed;
- applikajt għal aktar minn qasam wieħed fi grad;
- ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà;
- għamilt dikjarazzjonijiet foloz jew mingħajr sostenn;
- ma bbukkajtx jew ma għamiltx wieħed jew iżjed mit-testijiet tiegħek;
- qarraqt waqt it-testijiet;
- ma ddikjarajtx fil-formola ta' applikazzjoni tiegħek il-lingwi meħtieġa f'din is-Sejħa, jew ma ddikjarajtx il-livell(i) minimu/i meħtieġ(a) għal daww il-lingwi;
- ippruvajt tikkuntattja membru tal-Kumitat ta' Selezzjoni b'mod mhux awtorizzat;
- inqast milli tinnotifika lill-EP SO b'possibbiltà ta' kunflitti ta' interess ma' membru tal-Kumitat tas-Selezzjoni;
- iffirmajt jew ktibt marka distintiva fuq testijiet immarkati b'mod anonimu bil-miktub jew prattiċi.

Il-kandidati għar-reklutaġġ mill-istituzzjonijiet jew l-aġenziji tal-UE jridu juru l-ogħla livell possibbli ta' integrità. Il-frodi jew it-tentattivi ta' frodi jistgħu jesponuk għal penalitajiet u jippreġudikaw l-eliġibbiltà tiegħek għal selezzjonijiet futuri.



IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK

**Din l-istqarrija ta' privatezza tipprovdi informazzjoni dwar
l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-*data* personali tiegħek.**

Operazzjoni tal-ipproċessar: sejħa għal espressjoni ta' interess għall-Aġenti Temporanji għad-Direttorat Ġenerali għall-Informatika (DG DIGIT), id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija (DG ENER), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP), id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DGT), id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DG CNECT) u l-EUROSTAT (DG ESTAT) [nri ta' ref.: COM/TA/AD/01/20 ADMINISTRATORS (AD 8) & COM/TA/AST/02/20 ASSISTANTS (AST 4)]

Il-Kontrollur tad-Data: Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà Unità HR.DDG.B.1
"Selezzjoni, Reklutaġġ u Tmiem tas-Servizz"

Referenza tar-reġistrazzjoni: DPO-1964-2 / DPR-EC-01728.1

Werrej

1. Introduzzjoni
2. Għaliex u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?
3. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?
4. Liema *data* personali tinġabar li tkun soġġetta għall-ipproċessar ulterjuri?
5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?
6. Kif inħarsu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?
7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?
8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?
9. Informazzjoni ta' kuntatt
10. Fejn tista' ssib aktar informazzjoni dettaljata?

1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") hija impenjata li tiproteġi d-*data* personali tiegħek u li tirrispetta l-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor id-*data* personali u din tkun soġġetta għall-ipproċessar ulterjuri skont [ir-Regolament \(UE\) 2018/1725](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001).

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega r-raġuni għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, il-mod kif niġbru, nittrattaw u niżguraw il-protezzjoni tad-*data* personali kollha pprovduta, kif dik l-informazzjoni tintuża u liema drittijiet għandek fir-rigward tad-*data* personali tiegħek. Hija tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-*Data* responsabbli li miegħu tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

L-informazzjoni relatata ma' din l-operazzjoni ta' pproċessar "*Procédures de sélection d'agents temporaires organisées par la Commission pour des postes autres qu'encadrement ou conseil*", li saret mill-Unità HR.DDG.B.1 hija ppreżentata hawn taħt.

2. Għaliex u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

Il-finijiet tal-operazzjoni tal-ipproċessar: Il-Kummissjoni Ewropea tiġbor u tuża l-informazzjoni personali tiegħek biex tippermetti lid-Direttorati Ġenerali parteċipanti jorganizzaw sejħa għal espressjoni ta' interess biex tiġi kkostitwita lista ta' kandidati magħżula li jaqblu bl-aħjar mod mal-profil stabbilit fl-avviż tal-għażla. Matul id-diversi stadji tal-proċess tal-għażla tingħata informazzjoni individwali lil kull kandidat.

Il-kumitat tal-għażla jipproċessa l-fajls tal-kandidati (li jinkludu d-*data* ta' identifikazzjoni, kif ukoll id-*data* ta' ammissibiltà), ir-rapport motivat u l-lista ta' kandidati li jgħaddu, iżda mingħajr ma jaħżinhom. Id-DG HR u d-Direttorai Ġenerali parteċipanti jipproċessaw u jaħżnu l-fajls tal-kandidati (inklużi l-kandidati mhux magħżula), ir-rapport motivat u l-lista tal-kandidati ammessi. Is-servizzi tad-DG HR jaħżnu l-fajls tal-kandidati li jgħaddu, ir-rapport motivat u l-lista tal-kandidati li jgħaddu.

Id-*data* personali tiegħek mhix se tintuża għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, inkluż għat-tfassil tal-profil.

3. Fuq liema bażi(jiet) legali nipproċessaw id-*data* personali tiegħek

Nipproċessaw id-*data* personali tiegħek, minħabba li:

l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni.

L-ipproċessar għandu l-bażi legali li ġejja:

- L-ipproċessar għandu l-bażi ġuridika li ġejja: ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA) li jstabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9049 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar l-ingaġġar u l-użu tal-aġenti temporanji.

4. Liema *data* personali tingħabar li tkun soġġetta għall-ipproċessar ulterjuri?

Sabiex titwettaq din l-operazzjoni ta' pproċessar, l-Unità HR.DDG.B.1 tiġbor il-kategoriji ta' *data* personali li ġejjin:

- Id-*data* personali (eż. *data* li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kandidati u l-kuntatt magħhom): il-kunjom, l-ewwel isem, id-*data* tat-twelid, il-ġeneru, in-nazzjonalità, l-indirizz tad-dar, l-indirizz tal-email, l-isem u n-numru tat-telefon ta' persuna ta' kuntatt li għandhom jintużaw f'każ li l-kandidat ma jkunx disponibbli.
- Informazzjoni mogħtija mill-kandidati skont is-sejħa għal espressjoni ta' interess biex jiġi vvalutat jekk jikkonformawx mal-profil imfittex hemmhekk (applikazzjoni, curriculum vitae u dokumenti ta' prova, b'mod partikolari diplomi u esperjenza professjonali).
- L-informazzjoni individwali li tingħata lil kull kandidat matul id-diversi stadji tal-proċess tal-għażla.

Il-forniment ta' *data* personali huwa obligatorju biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għar-reklutaġġ stipulati fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea. Jekk ma tippovdix id-*data* personali tiegħek, il-konsegwenzi possibbli huma li ma tiġix ammess għall-istadji ta' qabel is-selezzjoni u għas-selezzjoni.

5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?

Il-Kummissjoni Ewropea żżomm biss id-*data* personali tiegħek għaż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tal-ġbir jew tal-ipproċessar ulterjuri, kif ġej:

- il-fajls tal-kandidati li jgħaddu jinżammu mill-Unità HR.DDG.B1 sakemm dawn jiġu rreklutati mill-Kummissjoni. Hekk kif jiġu rreklutati, il-fajls tal-għażla jinqerdu u jiġu ssostitwiti b'fajls personali.
- Meta l-kandidati li jgħaddu ma jiġux irreklutati, il-fajls tal-għażla tagħhom jinżammu mill-Unità HR.DDG.B1 għal ħames snin wara l-għeluq tal-proċedura tal-għażla.
- Il-fajls l-oħra kollha tal-għażla jinżammu mid-DG HR u mid-Direttorati Ġenerali parteċipanti sakemm l-iskadenza għall-appelli tkun skadjet wara l-pubblikazzjoni tal-lista ta' kandidati ammessi (jew sakemm kwalunkwe proċedura prekontenzjuża jew ta' litigazzjoni sussegwenti tiġi ffinalizzata bl-għoti ta' deċiżjoni finali).

6. Kif inħarsu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?

Id-*data* personali kollha f'format elettroniku (e-mails, dokumenti, bażijiet tad-*data*, ġabriet tad-*data* uplowlodjati, eċċ.) jinħażnu jew fuq is-servers tal-Kummissjoni Ewropea. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar jitwettqu kollha skont [id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE, Euratom\) 2017/46](#) tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex tipproteġi d-*data* personali tiegħek, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzazzjonali. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa li jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-*data*, it-tibdil tad-*data* jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u n-natura tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzazzjonali jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali biss għall-persuni awtorizzati bi ħtieġa leġittima ta' tagħrif għall-finijiet ta' din l-operazzjoni tal-ipproċessar.

7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?

L-aċċess għad-*data* personali tiegħek huwa pprovdut lill-persunal tal-Kummissjoni responsabbli għat-twettiq ta' din l-operazzjoni tal-ipproċessar u lill-persunal awtorizzat skont il-prinċipju tal-“ħtieġa ta' tagħrif”. Dan il-persunal jirrispetta l-ftehimiet statutorji, u jekk ikun meħtieġ, ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità.

L-informazzjoni li niġbru mhi se tingħata lill-ebda parti terza, ħlief sal-punt u għall-iskop li jista' jkun hemm bżonn li nagħmlu hekk bil-liġi.

8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?

Inti għandek drittijiet speċifiċi bħala “suġġett tad-*data*” skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b’mod partikolari d-dritt li taċċessa, tikkoreġi jew tħassar id-*data* personali tiegħek u d-dritt li tillimita l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek. Jekk ikun japplika, għandek ukoll id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar jew id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

Id-*data* dwar il-kriterji ta’ ammissibbiltà ma tistax tinbidel wara d-*data* tal-għeluq tal-applikazzjoni. Id-dritt ta’ rettifika ma jistax jiġi eżerċitat wara d-*data* tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, sa fejn dan jista’ jinfluwenza r-riżultat tal-għażla.

Għandek id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li jitwettaq legalment skont l-Artikolu 5(1)(a).

Tista’ teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data*, jew f’każ ta’ kunflitt lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Jekk ikun meħtieġ, tista’ tindirizza wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-informazzjoni ta’ kuntatt tagħhom tinsab fl-Intestatura 9 hawn taħt.

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-kuntest ta’ operazzjoni tal-ipproċessar speċifika waħda jew aktar, fit-talba tiegħek ipprovdidi d-deskrizzjoni tagħhom (jiġifieri r-referenza(i) tar-reġistrazzjoni tagħhom kif speċifikat fl-Intestatura 10 hawn taħt).

9. Informazzjoni ta’ kuntatt

- Il-Kontrollur tad-*Data*

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jew jekk għandek xi kummenti, mistoqsijiet jew xi tħassib, jew jekk tixtieq tressaq ilment rigward il-ġbir u l-użu tad-*data* personali tiegħek, inti liberu tikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data*, Unità HR.DDG.B.1, HR-B1-GDPR@ec.europa.eu.

- L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni (DPO)

Tista’ tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu) dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (KEPD)

Inti għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista’ tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (edps@edps.europa.eu) jekk jidhirlek li nkisru d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 b’riżultat tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-Kontrollur tad-*Data*.

10. Fejn tista’ ssib aktar informazzjoni dettaljata?

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni (DPO) jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar mill-Kummissjoni tad-*data* personali, li jkunu ġew iddokumentati u nnotifikati lilu. Tista’ taċċessa r-reġistru bil-link li ġejja: <http://ec.europa.eu/dpo-register>.

Din l-operazzjoni speċifika ta’ pproċessar ġiet inkluża fir-reġistru pubbliku tad-DPO bir-referenza tar-reġistrazzjoni li ġejja: DPO-1964-2/DPR-EC-01728.1- *Procédures de sélection d'agents temporaires organisées par la Commission pour des postes autres qu'encadrement ou conseil*.